Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1385/2007**

tas-26 ta' Novembru 2007

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 774/94 f'dak li jirrigwarda l-ftuħ u l-ġestjoni ta' ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur tal-laħam tat-tjur

(ĠU L 309, 27.11.2007, p. 47)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 890/2009 tal-25 ta' Settembru 2009	L 254	80	26.9.2009

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1385/2007

tas-26 ta' Novembru 2007

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 774/94 f'dak li jirrigwarda l-ftuħ u l-ġestjoni ta' ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur tal-laħam tat-tjur

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tat-tjur [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 774/94 tad-29 ta' Marzu 1994 li jiftaħ u jipprovdi l-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tat-tariffa Komunitarja għal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja u għal-laħam tal-majjal, il-laħam tat-tjur, il-qamħ u l-maħlut, u tipi ta' nuħħala, il-frak iebes u fdalijiet oħra [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1431/94 tat-22 ta' Ġunju 1994 li jistabbilixxi regoli dettaljati sabiex jiġu applikati, fis-settur tal-laħam tat-tjur, l-arranġamenti ta' l-importazzjonijiet ipprovvduti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 774/94 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tat-tariffa tal-Komunità għal-laħam tat-tjur u ċerti prodotti oħra agrikoli [3] ġie emendat diversi drabi b'mod sostanzjali, u jeħtieġ li jsirulu emendi ġodda. Jeħtieġ għalhekk li r-Regolament (KE) Nru 1431/94 jitħassar u jinbidel b'Regolament ġdid.

(2) Jeħtieġ li l-ġestjoni tal-kwoti tariffarji tiġi żgurata permezz ta' liċenzji ta' l-importazzjoni. Għal dan il-għan, jeħtieġ li jiġu definiti r-regoli għat-tressiq ta' l-applikazzjonijiet u t-tagħrif li għandu jingħata fl-applikazzjonijiet għal-liċenzji.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 tad-9 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' ffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli [4], u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji ta' l-importazzjoni għall-prodotti agrikoli ġestiti permezz ta' sistema ta' liċenzji ta' l-importazzjoni [5], għandhom japplikaw, ħlief fejn dan ir-Regolament jipprovdi mod ieħor.

(4) Sabiex tiġi żgurata r-regolarità ta' l-importazzjonijiet, jeħtieġ li l-perjodu tal-kwota mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru jinqasam f'diversi subperjodi. Fi kwalunkwe każ, ir-Regolament (KE) Nru 1301/2006 jillimita l-perjodu ta' validità tal-liċenzji ta' l-importazzjoni għall-aħħar jum tal-perjodu tal-kwota tariffarja.

(5) Fid-dawl tar-riskju ta' spekulazzjoni inerenti fis-sistema kkonċernata fis-settur tal-laħam tat-tjur, għandhom ikunu stabbiliti

---

[1] ĠU L 282, 1.11.1975, p. 77. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 679/2006 (ĠU L 119, 4.5.2006, p. 1).

[2] ĠU L 91, 8.4.1994, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2198/95 (ĠU L 221, 19.9.1995, p. 3).

[3] ĠU L 156, 23.6.1994, p. 9. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 249/2007 (ĠU L 69, 9.3.2007, p. 16).

[4] ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2006 (ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52).

[5] ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 289/2007 (ĠU L 78, 17.3.2007, p. 17).

▼B

kundizzjonijiet preċiżi rigward l-aċċess ta' l-operaturi għall-arranġamenti tal-kwota tariffarja.

(6) Biex tiġi żgurata ġestjoni adegwata tal-kwoti tariffarji, jeħtieġ li l-ammont tal-garanzjia relattiva għal-liċenzji ta' l-importazzjoni jiġi stabbilit fil-livell ta' EUR 50 għal kull 100 kilogramma.

(7) Fl-interess ta' l-operaturi, jeħtieġ li jkun previst li l-Kummissjoni tiddetermina l-kwantitajiet li għalihom ma jkunux saru applikazzjonijiet u li jiżdiedu mas-subperjodu tal-kwota skond l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006.

(8) Il-miżuri stabbiliti b'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal-Laħam tat-Tjur u għall-Bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-kwoti tariffarji msemmija fl-Anness I huma miftuħin bir-Regolament (KE) Nru 774/94 għall-importazzjoni tal-prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur koperti bil-kodiċijiet NM imsemmija fl-Anness I.

Il-kwoti tariffarji huma miftuħin fuq bażi annwali għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru.

2. Il-kwantità ta' prodotti li jgawdu mill-kwoti msemmija fil-paragrafu 1, ir-rata ta' tnaqqis tad-dazju doganali applikabbli, in-numri tas-serje kif ukoll in-numri tal-grupp korrispondenti huma definiti fl-Anness I.

Artikolu 2

Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 u tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, ħlief fejn ir-Regolament preżenti jipprovdi mod ieħor.

Artikolu 3

Il-kwantità stabbilita għall-perjodu annwali tal-kwota, għal kull numru tas-serje, għandha titqassam kif ġej f'erba' subperjodi:

a) 25 % mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu,

b) 25 % mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju,

c) 25 % mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru,

d) 25 % mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru.

Artikolu 4

1. Għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-applikant għal liċenzja ta' l-importazzjoni, x'ħin iressaq l-ewwel applikazzjoni tiegħu rigward perjodu tal-kwota partikolari, għandu jagħti l-prova li, matul kull wieħed miż-żewġ perjodi msemmija fl-Artikolu 5 msemmi, ikun importa jew esporta talanqas 50 tunnellata ta' prodotti li jkunu jaqgħu taħt ir-Regolament (KEE) Nru 2777/75.

2. L-applikazzjoni għal liċenzja ma tistax issemmi aktar minn numru wieħed tas-serje minn fost dawk definiti fl-Anness I għal dan ir-Regolament. Tista' tkopri diversi prodotti li jaqgħu taħt kodiċijiet tan-NM differenti. F'dan il-każ, jeħtieġ li l-kodiċijiet kollha tan-NM u d-desinjazzjonijiet tagħhom jitniżżlu, rispettivament, fil-kaxex 16 u 15 ta' l-applikazzjoni għal liċenzja u tal-liċenzja nnifisha.

▼B

L-applikazzjoni għal liċenzja għandha tkopri minimu ta' 10 tunnellati u massimu ta' 10 % tal-kwantità disponibbli għall-kwota kkonċernata matul is-subperjodu kkonċernat.

3. B'deroga mill-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, għall-gruppi numri 3, 5 u 6, kull applikant jista' jressaq diversi applikazzjonijiet għal liċenzji ta' l-importazzjoni għal prodotti li jaqgħu taħt numru ta' grupp wieħed, jekk il-prodotti jkunu joriġinaw minn pajjiżi differenti. L-applikazzjonijiet, b'kull waħda tinvolvi biss pajjiż ta' l-oriġini wieħed, jeħtiġilhom jitressqu fl-istess waqt għand l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru. F'dak li jirrigwarda l-massimu msemmi fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, għandhom jitqiesu bħala applikazzjoni waħda.

4. Il-liċenzji jobbligaw li l-importazzjoni ssir mill-pajjiżi msemmija, ħlief għall-gruppi 3, 5 u 6. Għall-gruppi kkonċernati minn dan l-obbligu, fil-kaxxa 8 ta' l-applikazzjoni għal liċenzja u tal-liċenzja, għandu jiġi indikat il-pajjiż ta' l-oriġini u r-referenza "iva" għandha tiġi mmarkata b'salib.

5. Fil-kaxxa 20 ta' l-applikazzjoni għal liċenzja u tal-liċenzja, għandha titniżżel waħda mir-referenzi li jingħataw fl-Anness II, il-parti A.

Fil-kaxxa 24 tal-liċenzja għandha titniżżel waħda mir-referenzi li jingħataw fl-Anness II, il-parti B.

Fil-kaxxa 24 tal-liċenzji għall-grupp 3, għandha titniżżel waħda mir-referenzi li jingħataw fl-Anness II, il-parti C.

Fil-kaxxa 24 tal-liċenzji għall-grupp 5, għandha titniżżel waħda mir-referenzi li jingħataw fl-Anness II, il-parti D.

Artikolu 5

1. Applikazzjoni għal liċenzja ma tistax titressaq ħlief matul l-ewwel seba' ġranet tax-xahar qabel kull subperjodu msemmi fl-Artikolu 3.

2. L-applikazzjoni għal liċenzja jeħtieġ li jkollha magħha kuntratt ta' forniment li jispeċifika li l-prodott tat-tjur li għalih tkun qed issir ikun disponibbli għall-kunsinna fl-Unjoni Ewropea matul il-perjodu tal-kwota, mill-oriġini u għall-kwantità mitluba.

L-ewwel inċiż ma għandux japplika għajr għall-prodotti tan-numri tal-grupp 1, 2 u 4.

3. Mat-tressiq ta' applikazzjoni għal liċenzja, għandha tiġi ddepożitata garanzija ta' EUR 50 għal kull 100 kilogramma.

4. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-ħames jum wara dak ta' tmiem il-perjodu tat-tressiq ta' l-applikazzjonijiet, il-kwantitajiet totali mitluba għal kull grupp, espressi f'kilogrammi.

5. Il-liċenzji għandhom jinħarġu mis-seba' ġurnata tax-xogħol, u mhux aktar tard mill-ħdax-il ġurnata tax-xogħol, wara tmiem il-perjodu ta' komunikazzjoni pprovdut bil-paragrafu 4.

6. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina, jekk ikun il-każ, il-kwantitajiet li għalihom ma jkunux tressqu applikazzjonijiet u li għandhom jiżdiedu awtomatikament mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu tal-kwota ta' wara.

Artikolu 6

1. B'deroga mill-Artikolu 11(1), it-tieni inċiż, tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, qabel tmiem l-ewwel xahar ta' kull subperjodu tal-kwota, il-kwantitajiet totali, espressi f'kilogrammi, li għalihom

▼B

ikunu nħarġu l-liċenzji, imsemmija fl-Artikolu 11(1)(b) tar-Regolament imsemmi.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, qabel tmiem ir-raba' xahar wara kull perjodu annwali tal-kwota, il-kwantitajiet, espressi f'kilogrammi, li fil-fatt ikunu tqiegħdu fil-kummerċ ħieles skond dan ir-Regolament matul il-perjodu kkonċernat u għal kull numru tas-serje.

3. B'deroga mill-Artikolu 11(1), it-tieni inċiż, tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-kwantitajiet totali, espressi f'kilogrammi, li għalihom ikunu nħarġu l-liċenzji ta' l-importazzjoni li ma ntużawx jew intużaw biss parzjalment, l-ewwel darba fl-istess waqt tat-talba għall-aħħar subperjodu, u darba oħra qabel tmiem ir-raba' xahar wara kull perjodu annwali.

Artikolu 7

1. B'deroga mill-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, il-validità tal-liċenzji ta' l-importazzjoni għandha tkun mija u ħamsin jum mill-ewwel jum tas-subperjodu li għalih ikunu nħarġu.

2. Bla ħsara għall-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, it-trasferiment tad-drittijiet mogħtija bil-liċenzji huwa limitat għall-konċessjonarji li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà stipulati bl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 u l-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 8

Ir-Regolament (KE) Nru 1431/94 huwa mħassar.

Ir-referenzi li jsiru għar-regolament mħassar għandhom jinftiehmu li jkunu qed isiru għar-Regolament preżenti, u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrispondenza li tingħata fl-Anness III.

Artikolu 9

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M1

ANNESS I

RATA TA' TNAQQIS TAD-DAZJU FFISSAT FIL-LIVELL TA' 100 %

Tiġieġ

(f'tunnellati)

Pajjiż	Numru tal-Grupp	Numru tas-serje	Kodiċi NM	Kwantitajiet annwali
Il-Brażil	1	09.4410	0207 14 10 0207 14 50 0207 14 70	11 932
It-Tajlandja	2	09.4411	0207 14 10 0207 14 50 0207 14 70	5 100
Oħrajn	3	09.4412	0207 14 10 0207 14 50 0207 14 70	3 300

Dundjan

(f'tunnellati)

Pajjiż	Numru tal-Grupp	Numru tas-serje	Kodiċi tan-NM	Kwantitajiet annwali
Il-Brażil	4	09.4420	0207 27 10 0207 27 20 0207 27 80	4 300
Oħrajn	5	09.4421	0207 27 10 0207 27 20 0207 27 80	700
Erga omnes	6	09.4422	0207 27 10 0207 27 20 0207 27 80	2 485

▼B

ANNESS II

A. Referenzi msemmija fl-Artikolu 4(5), l-ewwel inċiż:

bil-Bulgaru:	Регламент (ЕО) № 1385/2007.
bl-Ispanjol:	Reglamento (CE) nº 1385/2007.
biċ-Ċek:	Nařízení (ES) č. 1385/2007.
bid-Daniż:	Forordning (EF) nr. 1385/2007.
bil-Ġermaniż:	Verordnung (EG) Nr. 1385/2007.
bl-Estonjan:	Määrus (EÜ) nr 1385/2007.
bil-Grieg:	Κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 1385/2007.
bl-Ingliż:	Regulation (EC) No 1385/2007.
bil-Franċiż:	Règlement (CE) nº 1385/2007.
bit-Taljan:	Regolamento (CE) n. 1385/2007.
bil-Latvjan:	Regula (EK) Nr. 1385/2007.
bil-Litwan:	Reglamentas (EB) Nr. 1385/2007.
bl-Ungeriż:	1385/2007/EK rendelet.
bil-Malti:	Ir-Regolament (KE) Nru 1385/2007.
bl-Olandiż:	Verordening (EG) nr. 1385/2007.
bil-Pollakk:	Rozporządzenie (WE) nr 1385/2007.
bil-Portugiż:	Regulamento (CE) n.º 1385/2007.
bir-Rumen:	Regulamentul (CE) nr. 1385/2007.
bis-Slovakk:	Nariadenie (ES) č. 1385/2007.
bis-Sloven:	Uredba (ES) št. 1385/2007.
bil-Finlandiż:	Asetus (EY) N:o 1385/2007.
bl-Iżvediż:	Förordning (EG) nr 1385/2007.

▼B

B. Referenzi msemmija fl-Artikolu 4(5), it-tieni inċiż:

bil-Bulgaru:	Мито, определено на 0 %, съгласно Регламент (ЕО) № 1385/2007.
bl-Ispanjol:	derecho del 0 % en aplicación del Reglamento (CE) nº 1385/2007.
biċ-Ċek:	Clo stanoveno na 0 % v souladu s nařízením (ES) č. 1385/2007.
bid-Daniż:	Told fastsat til 0 % i henhold til forordning (EF) nr. 1385/2007.
bil-Ġermaniż:	Gemäß der Verordnung (EG) Nr. 1385/2007 auf 0 v. H. festgesetzter Zoll.
bl-Estonjan:	0 %line maks kehtestatud vastavalt määrusele (EÜ) nr 1385/2007.
bil-Grieg:	δασμός που καθορίζεται σε 0 % κατ' εφαρμογή του κανονισμού (ΕΚ) αριθ. 1385/2007.
bl-Ingliż:	Duty fixed at 0 % pursuant to Regulation (EC) No 1385/2007.
bil-Franċiż:	droit fixé à 0 % en application du règlement (CE) nº 1385/2007.
bit-Taljan:	Dazio fissato allo 0 % in applicazione del regolamento (CE) n. 1385/2007.
bil-Latvjan:	piemērojot Regulu (EK) Nr. 1385/2007, ir noteikts 0 % nodoklis.
bil-Litwan:	nulinis muitas, nustatytas pagal Reglamentą (EB) Nr. 1385/2007.
bl-Ungeriż:	0 %-os vám az 1385/2007/EK rendelet szerint.
bil-Malti:	ħlas stabbilit fil-livell ta' 0 % b'applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1385/2007.
bl-Olandiż:	recht 0 % op grond van Verordening (EG) nr. 1385/2007.
bil-Pollakk:	cło według stawki 0 % zgodnie z rozporządzeniem (WE) nr 1385/2007.
bil-Portugiż:	direito fixado em 0 %, em aplicação do Regulamento (CE) n.º 1385/2007.
bir-Rumen:	taxă stabilită la 0 % în temeiul Regulamentului (CE) nr. 1385/2007.
bis-Slovakk:	clo stanovené vo výške 0 % na základe nariadenia (ES) č. 1385/2007.
bis-Sloven:	dajatev, določena na 0 % v skladu z Uredbo (ES) št. 1385/2007.
bil-Finlandiż:	Tulli vahvistettu 0 prosentiksi asetuksen (EY) N:o 1385/2007 mukaisesti.
bl-Iżvediż:	Tullsatsen fastställd till 0 % i enlighet med förordning (EG) nr 1385/2007.

▼B

C. Referenzi msemmija fl-Artikolu 4(5), it-tielet inċiż:

bil-Bulgaru:	Не следва да се използва за продукти с произход от Бразилия и Тайланд в съответствие с Регламент (ЕО) № 1385/2007.
bl-Ispanjol:	No puede utilizarse para productos originarios de Brasil o Tailandia en aplicación del Reglamento (CE) nº 1385/2007.
biċ-Ċek:	Nepoužije se u produktů pocházejících z Brazílie a Thajska v souladu s nařízením (ES) č. 1385/2007.
bid-Daniż:	Kan ikke anvendes for produkter med oprindelse i Brasilien og Thailand i henhold til forordning (EF) nr. 1385/2007.
bil-Ġermaniż:	Gemäß der Verordnung (EG) Nr. 1385/2007 nicht verwendbar für Erzeugnisse mit Usprung in Brasilien und Thailand.
bl-Estonjan:	Ei ole kasutatav Brasiilia ja Tai päritolu toodete puhul vastavalt määrusele (EÜ) nr 1385/2007.
bil-Grieg:	Δεν μπορεί να χρησιμοποιηθεί για τα προϊόντα καταγωγής Βραζιλίας και Ταϊλάνδης κατ' εφαρμογή του κανονισμού (ΕΚ) αριθ. 1385/2007.
bl-Ingliż:	Not to be used for products originating in Brazil or Thailand pursuant to Regulation (EC) No 1385/2007.
bil-Franċiż:	N'est pas utilisable pour des produits originaires du Brésil et de Thaïlande en application du règlement (CE) nº 1385/2007.
bit-Taljan:	da non utilizzare per prodotti originari del Brasile e della Tailandia in applicazione del regolamento (CE) n. 1385/2007.
bil-Latvjan:	Piemērojot Regulu (EK) Nr. 1385/2007, neizmanto Brazīlijas un Taizemes izcelsmes produktiem.
bil-Litwan:	Nenaudojama produktams, kurių kilmės šalys yra Brazilija ir Tailandas, taikant Reglamentą (EB) Nr. 1385/2007.
bl-Ungeriż:	Nem alkalmazandó a Brazíliából és Thaiföldről származó termékekre az 1385/2007/EK rendelet alapján.
bil-Malti:	Ma jistax jintuża għall-prodotti ta' oriġini mill-Brażil u mit-Tajlandja, b'applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1385/2007.
bl-Olandiż:	Mag niet worden gebruikt voor producten van oorspong uit Brazilië en Thailand overeenkomstig Verordening (EG) nr. 1385/2007.
bil-Pollakk:	Nie stosuje się w przypadku produktów pochodzących z Brazylii i Tajlandii zgodnie z rozporządzeniem (WE) nr 1385/2007.
bil-Portugiż:	Não utilizável para produtos originários do Brasil e da Tailândia, em aplicação do Regulamento (CE) n.º 1385/2007.
bir-Rumen:	Nu se utilizează pentru produsele originare din Brazilia și Thailanda în aplicarea Regulamentului (CE) nr. 1385/2007.
bis-Slovakk:	Podľa nariadenia (ES) č. 1385/2007 nepoužívať pre výrobky pochádzajúce z Brazílie a z Thajska.

▼B

bis-Sloven:	V skladu z Uredbo (ES) št. 1385/2007 se ne uporablja za proizvode s poreklom iz Brazilije in Tajske.
bil-Finlandiż:	Ei voimassa Brasiliasta ja Thaimaasta peräisin olevien tuotteiden osalta asetuksen (EY) N:o 1385/2007 mukaisesti.
bl-Iżvediż:	Får inte användas för produkter med ursprung i Brasilien och Thailand i enlighet med förordning (EG) nr 1385/2007.

▼B

D. Referenzi msemmija fl-Artikolu 4(5), ir-raba' inċiż:

bil-Bulgaru:	Не следва да се използва за продукти с произход от Бразилия в съответствие с Регламент (ЕО) № 1385/2007.
bl-Ispanjol:	No puede utilizarse para productos originarios de Brasil en aplicación del Reglamento (CE) nº 1385/2007.
biċ-Ċek:	Nepoužije se u produktů pocházejících z Brazílie v souladu s nařízením (ES) č. 1385/2007.
bid-Daniż:	Kan ikke anvendes for produkter med oprindelse i Brasilien i henhold til forordning (EF) nr. 1385/2007.
bil-Ġermaniż:	Gemäß der Verordnung (EG) Nr. 1385/2007 nicht verwendbar für Erzeugnisse mit Ursprung in Brasilien.
bl-Estonjan:	Ei ole kasutatav Brasiilia päritolu toodete puhul vastavalt määrusele (EÜ) nr 1385/2007.
bil-Grieg:	Δεν μπορεί να χρησιμοποιηθεί για τα προϊόντα καταγωγής Βραζιλίας κατ' εφαρμογή του κανονισμού (ΕΚ) αριθ. 1385/2007.
bl-Ingliż:	Not to be used for products originating in Brazil pursuant to Regulation (EC) No 1385/2007.
bil-Franċiż:	N'est pas utilisable pour des produits originaires du Brésil en application du règlement (CE) nº 1385/2007.
bit-Taljan:	da non utilizzare per prodotti originari del Brasile in applicazione del regolamento (CE) n. 1385/2007.
bil-Latvjan:	Piemērojot Regulu (EK) Nr. 1385/2007, neizmanto Brazīlijas izcelsmes produktiem.
bil-Litwan:	Nenaudojama produktams, kurių kilmės šalys yra Brazilija, taikant Reglamentą (EB) Nr. 1385/2007.
bl-Ungeriż:	Nem alkalmazandó a Brazíliából származó termékekre az 1385/2007/EK rendelet alapján.
bil-Malti:	Ma jistax jintuża għall-prodotti ta' oriġini mill-Brażil, b'applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1385/2007.
bl-Olandiż:	Mag niet worden gebruikt voor producten van oorspong uit Brazilië overeenkomstig Verordening (EG) nr. 1385/2007.
bil-Pollakk:	Nie stosuje się w przypadku produktów pochodzących z Brazylii zgodnie z rozporządzeniem (WE) nr 1385/2007.
bil-Portugiż:	Não utilizável para produtos originários do Brasil, em aplicação do Regulamento (CE) n.º 1385/2007.
bir-Rumen:	Nu se utilizează pentru produsele originare din Brazilia în aplicarea Regulamentului (CE) nr. 1385/2007.
bis-Slovakk:	Podľa nariadenia (ES) č. 1385/2007 nepoužívať pre výrobky pochádzajúce z Brazílie.
bis-Sloven:	V skladu z Uredbo (ES) št. 1385/2007 se ne uporablja za proizvode s poreklom iz Brazilije.
bil-Finlandiż:	Ei voimassa Brasiliasta peräisin olevien tuotteiden osalta asetuksen (EY) N:o 1385/2007 mukaisesti.

▼B

bl-Iżvediż:	Får inte användas för produkter med ursprung i Brasilien i enlighet med förordning (EG) nr 1385/2007.

▼B

ANNESS III

Tabella ta' korrispondenza

Ir-Regolament (KE) Nru 1431/94	Dan ir-Regolament
l-Artikolu 1	l-Artikolu 1
l-Artikolu 2	l-Artikolu 3
l-Artikolu 3	—
l-Artikolu 3(1)(a)	l-Artikolu 4(1)
l-Artikolu 3(1)(b)	l-Artikolu 4(2)
l-Artikolu 3(1)(c)	l-Artikolu 4(4)
l-Artikolu 3(1)(d)	l-Artikolu 4(5), l-ewwel inċiż
l-Artikolu 3(1)(e)	l-Artikolu 4(5), it-tieni inċiż
l-Artikolu 3(1)(f)	Artikolu 4(5), it-tielet inċiż
l-Artikolu 3(1)(g)	l-Artikolu 4(5), ir-raba' inċiż
l-Artikolu 4(1), l-ewwel inċiż	l-Artikolu 5(1)
l-Artikolu 4(1)(a)	l-Artikolu 5(2)
l-Artikolu 4(2), l-ewwel u t-tieni inċiż	—
l-Artikolu 4(2), it-tielet inċiż	l-Artikolu 4(3)
l-Artikolu 4(3)	l-Artikolu 5(4)
l-Artikolu 4(4)	—
l-Artikolu 4(5)	l-Artikolu 5(5)
l-Artikolu 4(6)	—
l-Artikolu 4(7)	l-Artikolu 6(2)
l-Artikolu 5, l-ewwel inċiż	l-Artikolu 7(1)
l-Artikolu 5, it-tieni inċiż	—
l-Artikolu 6	l-Artikolu 5(3)
l-Artikolu 7	—
l-Artikolu 8	-Artikolu 9
Anness I	Anness I
Anness II	—
Anness III	—
Anness IV	—